



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12634/23

LIMITE

CORLX 860  
CFSP/PESC 1233  
COEST 504  
FIN 910

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...**

**ta' ...**

**dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja  
li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK<sup>1</sup>, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna .
- (2) Fit-23 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217<sup>2</sup>, li emendat id-Deċiżjoni 2014/512/PESK u introduċiet miżuri restrittivi ulterjuri biex jiġu sospiżi l-attivitajiet tax-xandir fl-Unjoni, jew diretti lejn l-Unjoni, ta' ċerti mezzi tal-media msemmija fil-punt (3) tal-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217. Skont l-Artikolu 1, il-punt (24) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217, l-applikabbiltà ta' tali miżuri fir-rigward ta' wieħed jew diversi minn dawk il-mezzi tal-media hija soġġetta għal deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.
- (3) Wara li eżamina l-każijiet rispettivi, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 4g tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fil-punt (3) tal-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1217 tat-23 ta' Ġunju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 159 I, 23.6.2023, p. 451).

*Artikolu 1*

Il-miżuri restrittivi msemija fl-Artikolu 4g tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemija fil-punt (3) tal-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*